**8 ta' Marzu, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Micallef *noe.*

*versus*

Raymond Vella

## Transazzjoni – Forma – Nullità ta' – Skrittura Privata – Danni – Kolliżjoni

*It-transazzjoni tirrikjedi fil-Liġi l-iskrittura jew kuntratt pubbliku u altrimenti tkun nulla. Ftehim milħuq bejn il-partijiet dwar min kien responsabbli għall-kolliżjoni u dwar kif kellhom jiġu sopportati d-danni huwa transazzjoni u null jekk ma jsirx bil-kitba.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni numru 708/1977CC/CS/G preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi fis-26 ta' Diċembru, 1975, il-konvenut fil-waqt li kien qed isuq il-karozza numru 70304 ġo St. Andrews minħabba imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ħabat mal-karozza numru 74895 proprjetà ta' Lucienne Azzopardi u assikurata bħala '*comprehensive*' mal-attur nomine, u billi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur nomine sborsa akkont u fl-interess tal-assikurat tiegħu s-somma ta' erbgħa u ħamsin lira maltija u ħames ċenteżmi (Lm54.05) biex tissewwa l-ħsara fil-karozza 74895 u spejjeż oħra konnessi, u billi l-konvenut għalkemm interpellat naqas li jħallas u jirrifondi lill-attur nomine l-ammont minnu hekk imħallas, l-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex:

1. m'għandux jiġi dikjarat u deċiż minn din l-Onorabbli Qorti li l-kolliżjoni li ġrat fis-26 ta' Diċembru, 1975, ġo St. Andrews bejn il-karozza numru 74895 proprjetà ta' Lucienne Azzopardi u assikurata mal-attur nomine u l-karozza numru 70304 misjuqa mill-konvenut ġrat unikament tort tal-istess konvenut;

2. għaliex konsegwentement m'għandux il-konvenut jiġi

kkundannat minn din l-Onorabbli Qorti jħallas u jirrifondi lill-attur nomine in linea ta' danni s-somma ta' erbgħa u ħamsin lira maltija u ħames ċenteżmi (Lm54.05) imħallsa mill-attur nomine biex tissewwa l-ħsara fil-karozza numru 74895 assikurata mal-attur jew kull ammont ieħor verjuri li jiġi likwidat jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Marzu, 1977, u bl-imgħax legali mid-data tal-istess ittra uffiċjali, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Jannar 1986 li biha wara li kkunsidrat:

"Illi hija ma ssegwix il-konklużjonijiet tal-għaref perit legali, in vista tal-argument sottolinejat tajjeb fin-nota ta' kritika tal-konvenut għar-rapport peritali li bil-ftehim bejn il-konvenut u l-assikurata tal-attur "ma kien fadal ebda drittijiet u/jew debiti reċiproċi; bil-konsegwenza għalhekk li l-assikurata tal-attur ma kellha ebda drittijiet kontra l-konvenut li fihom setgħet tissurroga lill-attur bħala assikurata tiegħu", astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ, u ordnat li l-ispejjeż jiġu supportati għall-attur;"

Rat il-petizzjoni tal-appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut appellat u okkorrendo tirrinvija l-proċess quddiem l-ewwel Qorti sabiex titkompla fil-mertu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

*Omissis*

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Skond l-appellant is-sentenza appellata timmerita li tiġi revokata għal dawn ir-raġunijiet:

a) L-Ewwel Onorabbli Qorti assumiet li kienet teżisti transazzjoni valida fil-liġi u ma eżaminatx jekk fil-fatt eżistitx transazzjoni valida skond il-liġi;

b) Illi skond l-artikolu 1233(1) tal-Kodiċi Ċivili biex transazzjoni tkun valida trid issir jew b'att pubbliku jew b'kitba privata taħt piena ta' nullità;

c) Illi ma teżisti ebda prova li saret transazzjoni bil-miktub u wisq anqas b'kitba privata jew b'att pubbliku;

Skond il-konvenut appellat l-appell huwa nfondat billi l-kelma "transazzjonijiet" li jirreferi għaliha l-artikolu 1233(1) tal-Kodiċi Ċivili, tfisser, kif dejjem ġie ritenut, kompromessi f'kawżi quddiem il-Qorti, u mhux sempliċi arranġament ossija ftehim bonarju li sar bejn l-assikurata tal-appellant u l-appellat. Għalhekk b'dan l-arranġament li in forza tiegħu l-assikurata tal-appellant svestiet ruħha minn kull pretensjoni kontra l-appellat, ma kienx fadal xejn li l-appellant seta' jiġi surrogat fih;

Ikkunsidrat:

Illi skond l-artikolu 1718 tal-Kodiċi Ċivili "it-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija, jew **jevitaw kawża**

**li tkun sejra ssir;**

Din id-definizzjoni, li tagħtiha l-liġi stess, tinnewtralizza s-sottomissjonij tal-appellat li bi transazzjoni wieħed jifhem, anzi dejjem ġie ritenut (mingħajr ma semma każ wieħed biss) kompromessi f'kawżi quddiem il-Qorti. Jista' wkoll jiżdied illi din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' April 1978 in re "Emmanuel Mifsud et vs Raffaele Blanco" f'każ fejn **qabel** inbdiet il-kawża l-partijiet kienu ftehmu bil-fomm dwar il-pendenzi ta' bejniethom, kienet iddeċidit li tali ftehim kien jammonta għal transazzjoni u billi ma kienx sar b'att pubbliku jew skrittura privata allura in forza tal-artikolu 1233(1) tal-Kodiċi Ċivili kien null;

Issa f'dan il-każ jirriżulta mix-xiehda tal-kompjant Dr. Joseph Cassar Galea li l-ftehim bejnu għall-konvenut u bejn Dr. Joseph Ciappara għal Lucienne Azzopardi intlaħaq wara li hu kien bagħat ittra bonarja lill-istess Azzopardi biex tħallas id-danni u għalhekk kull ftehim li seta' intlaħaq bejniethom ma jistax ħlief jitqies bħala ftehim biex tiġi evitata kawża li altrimenti kienet ser issir u għalhekk dak il-ftehim kien jammonta għal transazzjoni. Anki mill-aspett tejoretiku il-ftehim "*de quo*" bil-fors għandu jitqies bħala transazzjoni. Infatti fid-duttrina t-transazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-oħra, ċjoè d-dubju li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirrisolvuh huma stess flok iħallu d-deċiżjoni fuqu għall-Qorti u l-element tal-"*hinc inde remissum*", ċjoè il-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku. Dawn iż-żewġ elementi jirriżultaw fil-ftehim imsemmi;

Ma jirriżultawx però mill-atti tal-proċess li din it-transazzjoni saret almenu bil-forma ta' skrittura privata, anzi

hemm biżżejjed biex wieħed jifhem li skrittura ma saritx. Għalhekk in forza tal-artikolu 1233(1) tal-Kodiċi Ċivili l-istess transazzjoni ma tistax ħlief tiġi kkunsidrata bħala nulla proprju għax irrita;

Għal kull fini u effett tal-Liġi in kwantu jirrigwarda din il-kawża, għalhekk, it-transazzjoni vantata mill-konvenut bħallikieku ma saret qatt u għalhekk l-appell ser jiġi akkolt;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppju eżami tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex tkompli s-smigħ tal-kawża fil-mertu u tiddeċidiha. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a karigu tal-konvenut appellat.